TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 187/12/GZ

**Stephen Pace**

**vs**

**KMK Ltd. – Kurt Bezzina u Karl Bezzina**

Illum 6 ta' Marzu 2013

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fis-6 ta' Awissu, 2012 fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' elfejn tmien mija u hamsin Ewro (€2850.00) rapprezentanti l-prezz li huwa hallas bhala depozitu fuq xoghol ta' l-aluminium, liema xoghol baqa' ma sarx.

Is-socjeta' ntimata ma pprezentatx risposta bil-miktub ghal din it-talba, u lanqas attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent li huwa l-istess rikorrent, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

Fl-10 ta' Novembru 2011, huwa kien hallas depozitu ta' elfejn tmien mija. u hamsin Ewro (€2850.00) lis-socjeta' ntimata, wara li sar ftehim rigward xoghol ta' l-aluminium ghall-post tieghu u ta' hut il-mara tieghu. Ghall-bidu ta' Frar ir-rikorrent kien kellem lis-socjeta' ntimata fejn hija kienet marret tkejjel l-appartamenti, u kienet informatu li kienet ser tibda x-xoghol fl-ahhar ta' Frar u li riedet iktar flus bhala depozitu.

Fil-bidu ta' Marzu, ir-rikorrent kien mar il-fabbrika tas-socjeta' ntimata diversi drabi, pero' dejjem sab li kienet maghluqa. Wara xi tliet (3) gimghat, ir-rikorrent kien sab lavrant tas-socjeta'

ntimata li kien informah li s-socjeta' ntimata ma kenitx qed tahdem u li x'aktarx ma kenitx ser tahdem iktar.

Ir-rikorrent sab diffikulta' biex jafgmel kuntatt mas-socjeta' ntimata, pero' meta rnexxilu jaghmel kuntatt maghha, is-socjeta' ntimata kienet informatu li x-xoghol kien ser isir. Sa llum il-gurnata ix-xoghol baqa' ma sarx, u d-depozitu baqa' ma nghatax lura lir-rikorrent.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Is-socjeta' ntimata, debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bid-data u l-hin tas-smiegh, u msejjha tliet darbiet, m'attendietx ghas-seduta, kif ukoll jinnota li sal-hin tas-seduta s-socjeta' ntimata kienet ghadha ma baghtietx risposta bil-miktub.

It-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub.

Ir-rikorrent ezebixxa prova ta' l-ammont li thallas bhala depozitu permezz ta' dokumenti li gew immarkati bhala Dok.SP1 u Dok.SP2; flimkien ma' kopja tar-rapport li huwa ghamel ghand il-pulizija, li giet immarkata bhala Dok.SP3.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jinnota n-nuqqas ta' rispett da parte tas-socjeta' ntimata lejn ir-rikorrent, billi ma pprezentat l-ebda risposta ghat-talba in kwistjoni, kif ukoll in-nuqqas ta' rispett li ntwera lejn dan it-Tribunal, billi lanqas biss indenjat ruhha tidher ghall-udjenza appuntata, u jikkonkludi, hekk skond il-provi, illi s-socjeta' ntimata naqqset b'mod kbir fis-servizzi taghha lejn ir-rikorrent konsumatur, u ghalhekk qed jilqa' t-talba tar-rikorrent, u jordna lis-socjeta' ntimata tirrifuza u thallas l-ammont ta' elfejn tmien mija u hamsin Ewro (€2850.00) lir-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra s-socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**